



European Securities and  
Markets Authority

## Linji Gwida

**Sistemi u kontrolli f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat għal pjattaformi ta' negozjar, ditti tal-investment u awtoritajiet kompetenti**



## Werrej

<b>I. Kamp ta' applikazzjoni</b>	<b>3</b>
Xiex?	3
Min?	3
Meta?	4
Rekwiżiti ta' Rapportar	4
<b>II. Definizzjonijiet</b>	<b>4</b>
<b>III. Skop</b>	<b>6</b>
<b>IV. Linji gwida dwar sistemi u kontrolli f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat għal pjattaformi ta' negozjar, ditti tal-investment u awtoritajiet kompetenti</b>	<b>6</b>
Linja gwida 1. Rekwiżiti organizzazzjonali għas-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali	6
Linja gwida 2. Rekwiżiti organizzazzjonali għas-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' ditti tal-investment (inklużi algoritmi ta' negozjar)	9
Linja gwida 3. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għall-promozzjoni ta' negozjar ġust u ordnat f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat	12
Linja gwida 4. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment għall-promozzjoni ta' negozjar ġust u ordnat f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat	15
Linja gwida 5. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq (b'mod partikolari l-manipulazzjoni tas-suq) f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat	17
Linja gwida 6. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq (b'mod partikolari l-manipulazzjoni tas-suq) f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat	19
Linja gwida 7. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali li l-membri/il-parteċipanti u l-utenti tagħhom jipprovdu aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat	21
Linja gwida 8. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment li jipprovdu aċċess dirett għas-suq u/jew aċċess sponsorjat	23

## I. Kamp ta' applikazzjoni

### *Xiex?*

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-AETS. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-AETS, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

### *Min?*

2. Dawn il-linji gwida stabbilixxew il-fehma tal-AETS dwar kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni f'qasam partikolari, jew dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji. Għaldaqstant, l-AETS tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju rilevanti kollha jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.
3. Dawn il-linji gwida jkopru :
  - a. it-tħaddim ta' sistema ta' negozjar elettroniku minn suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali;
  - b. l-użu ta' sistema ta' negozjar elettroniku, inkluż algoritmu tan-negozjar, minn ditta tal-investment sabiex tinneozja fisimha jew għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti; u
  - c. l-għoti ta' aċċess dirett għas-suq jew aċċess sponsorjat minn ditta tal-investment bħala parti mis-servizz ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti.
4. Il-linji gwida se jkollhom implikazzjonijiet anki għal ditti mhux awtorizzati bħala operatori tas-suq jew ditti tal-investment skont il-MiFID (Markets in Financial Instruments Directive). Dawn jinkludu ditti li jbiegħu sistemi ta' negozjar elettroniku lil operatori tas-suq jew ditti tal-investment, jew li jaġixxu bħala l-fornituri esternalizzati ta' dawn is-sistemi, jew li jipprovdu servizzi ta' konnettività lil ditti tal-investment meta jagħmlu aċċess għal pjattaformi ta' negozjar. Dawn id-ditti se jiġu affettwati mill-obbligi ta' pjattaformi ta' negozjar u ditti tal-investment fir-rigward tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom.
5. Il-linji gwida se jaffettwaw ukoll lil ditti eżenti mill-MiFID li jinneozjaw fisimhom u li jagħmlu aċċess għal pjattaformi ta' negozjar b'mod dirett bħala membri, parteċipanti jew utenti, jew permezz ta' DMA (Direct Market Access) jew SA (Sponsored Access). Se jiġu affettwati mil-linji gwida dwar in-negozjar ġust u ordnat għal pjattaformi ta' negozjar fir-rigward tar-rekwiżiti għal membri, parteċipanti u utenti li mhumiex awtorizzati, u l-linji gwida għal pjattaformi ta' negozjar u ditti tal-investment relatati mad-DMA u l-SA.
6. Ir-referenzi fil-linji gwida għad-ditti tal-investment huma relatati mad-ditti tal-investment meta dawn jeżegwixxu ordnijiet f'isem il-klijenti u/jew jinneozjaw fisimhom f'ambjent ta' negozjar aw-

tomatizzat. Meta ditta tal-investment tħaddem faċilità tan-negozjar multilaterali, din tkun koperta mil-linji gwida relatati mal-pjattaformi ta' negozjar.

7. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi ta' negozjar elettroniku użati minn ditti tal-investment, l-AETS inkludiet sistemi elettroniċi sabiex jintbagħtu ordnijiet lil pjattaformi ta' negozjar (sija jekk l-ordnijiet mill-klijenti jintbagħtu lid-ditta tal-investment b'mod elettroniku kif ukoll jekk le) u sistemi elettroniċi li jiġġeneraw ordnijiet b'mod awtomatiku, jiġifieri algoritmi ta' negozjar. "Smart order routers" jistgħu jiffurmaw parti mis-sistemi ta' ditta sabiex tibgħat ordnijiet lil pjattaformi ta' negozjar. Għall-finijiet ta' din il-ħidma, l-AETS tkopri "smart order routers" biss mill-perspettiva tar-riskji involuti fid-dħul tal-ordni jew le, pereżempju, fir-rigward tal-aħjar eżekuzzjoni.
8. Dawn il-linji gwida mhumiex ristretti għan-negozjar ta' ishma, iżda jkopru n-negozjar f'ambjent awtomatizzat ta' kwalunkwe strument finanzjarju (kif inhu definit fil-MiFID).
9. Kemm fil-każ ta' pjattaformi ta' negozjar kif ukoll fir-rigward ta' ditti tal-investment, is-sistemi u l-kontrolli mħaddma b'konformità ma' dawn il-linji gwida għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħhom.

#### **Meta?**

10. Dawn il-linji gwida se jieħdu effett *xahar wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali fuq is-sit uffiċjali tagħhom fil-lingwa nazzjonali tagħhom*. Skont din l-iskeda u sakemm ma jiġux mgħarrfa mod ieħor, il-parteciċipanti fis-suq għandhom ikunu kapaċi jikkonformaw mal-linji gwida mill-1 ta' Mejju 2012.

#### **Rekwiżiti ta' Rapportar**

11. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida għandhom jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, anki fejn linji gwidi partikolari fi ħdan id-dokument ikunu mmirati parimarjament għall-parteciċipanti fis-suq finanzjarju. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jridu jinnotifikaw lill-AETS dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, *xahrejn wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida finali fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE*.
12. Il-parteciċipanti fis-suq finanzjarju mhumiex meħtieġa jirraportaw lill-AETS dwar jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

#### **II. Definizjonijiet**

13. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, it-termini murija fil-korsiv għandhom it-tifsira stipulata fit-tabella ta' hawn taħt. Ċerti termini oħrajn użati fil-linji gwida, pereżempju ditta tal-investment, għandhom it-tifsira stipulata fl-Artikolu 4 tad-*Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji*.

*Awtoritajiet kompetenti* Awtoritajiet kompetenti magħżula skont l-Artikolu 48 tal-MiFID

*Aċċess dirett għas-suq (DMA)* Arranġament li permezz tiegħu ditta tal-investment li hija membru/parteciċipant jew utent ta' pjattaforma ta' negozjar tippermetti lil klijenti speċifiċi (inklużi kontropartijiet eliġibbli) sabiex jittrażmettu

		ordnijiet b'mod elettroniku fis-sistemi interni ta' negozjar elettroniku tad-ditta tal-investment għat-trażmissjoni awtomatizzata 'l quddiem bl-Identifikazzjoni ta' negozjar tad-ditta tal-investment lil pjattaforma ta' negozjar speċifikata.
<i>AETS</i>		Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>Regolament tal-AETS</i>		Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p.84.
<i>Parteċipanti finanzjarju</i>	<i>fis-suq</i>	Persuna kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-AETS: "...tfisser kwalunkwe persuna li għaliha japplika rekwiżit fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) [li jinkludi l-MiFID u l-MAD (Market Abuse Directive) u l-miżuri ta' implimentazzjoni rispettivi tagħhom] jew liġi nazzjonali li timplimenta dawk l-atti"
<i>Direttiva dwar l-abbuż tas-suq (MAD)</i>		Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq), ĠU L 96, 12.4.2003, p.16.
<i>Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID)</i>	<i>Fi-</i>	Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, ĠU L 145, 30.4.2004, p.1.
<i>Direttiva li timplimenta l-MiFID</i>		Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investment u t-termini definiti għall-għanjet ta' dik id-Direttiva, ĠU L 241, 2.9.2006, p.26.
<i>Access sponsorjat (SA)</i>		Arranġament li permezz tiegħu ditta tal-investment li hija membru/parteċipant jew utent ta' pjattaforma ta' negozjar tippermetti lil klijenti speċifikati (inklużi kontropartijiet eliġibbli) sabiex jittrażmettu ordnijiet b'mod elettroniku u dirett lil pjattaforma ta' negozjar speċifikata bl-Identifikazzjoni ta' negozjar tad-ditta tal-investment mingħajr ma l-ordnijiet jgħaddu mis-sistemi interni ta' negozjar elettroniku tad-ditta tal-investment.
<i>Rapport ta' Tranżazzjoni Suspettuża (STR)</i>		Rapporti lil awtoritajiet kompetenti meħtieġa skont l-Artikolu 6(9) tal-MAD fejn persuna li b'mod professjonali tagħmel arranġamenti għal tranżazzjonijiet tissuspetta b'mod raġonevoli li tranżazzjoni tista' tikkostitwixxi abbuż minn informazzjoni privileġġata jew manipulazzjoni tas-suq.

<i>Algoritmu tan-negozjar</i>	Softwer tal-kompjuter li jopera fuq il-bażi tal-parametri ewlenin stabbiliti minn ditta tal-investment jew klijent ta' ditta tal-investment li tiġġenera ordnijiet li għandhom jiġu sottomessi lil pjattaformi ta' negozjar b'mod awtomatiku bħala reazzjoni għat-tagħrif tas-suq.
<i>Pjattaforma ta' negozjar</i>	Suq regolat (RM - Regulated Market) jew faċilità tan-negozjar multilaterali (MTF - Multilateral Trading Facilities).

### III. Skop

14. L-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa li jiżguraw applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-MiFID u l-MAD peress li dawn japplikaw għas-sistemi u l-kontrolli meħtieġa minn:
- pjattaformi ta' negozjar u ditti tal-investment f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat; u
  - pjattaformi ta' negozjar u ditti tal-investment fir-rigward tal-forniment ta' DMA jew SA.

### IV. Linji gwida dwar sistemi u kontrolli f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat għal pjattaformi ta' negozjar, ditti tal-investment u awtoritajiet kompetenti

#### Linja gwida 1. Rekwiżiti organizzazzjonali għas-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali

##### Leġislazzjoni rilevanti.

*L-Artikolu 39, paragrafi (b) u (c), tal-MiFID għas-swieq regolati.*

*L-Artikolu 14, paragrafu (1), u l-Artikolu 13, paragrafi (2), (4), (5) u (6), tal-MiFID u l-Artikoli 5 sa 9, l-Artikoli 13 u 14 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva li Timplimenta l-MiFID għal faċilitajiet tan-negozjar multilaterali.*

##### *Linja gwida ġenerali*

1. Sistema (jew sistemi) ta' negozjar elettroniku ta' suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali għandha tiżgura li tikkonforma mal-obbligi applikabbli fil-MiFID u liġijiet rilevanti oħrajn tal-Unjoni jew nazzjonali filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-avvanzi teknoloġiċi u x-xejriet fl-użu tat-teknoloġija mill-membri/parteċipanti jew l-utenti tagħha. B'mod partikolari, is-sistema (jew sistemi) għandha tiġi adattata sew għan-negozju li jseħħ permezz tagħha (jew tagħhom) u hija (jew huma) robusta biżżejjed sabiex tiżgura kontinwità u regolarità fil-prestazzjoni tas-suq (jew swieq) awtomatizzat operat mill-operatur tas-suq jew ditta tal-investment.

##### *Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jseguw linja gwida ġenerali, bħala minimu, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni dawn li ġejjin:

#### **a) Governanza**

- Il-proċess ta' governanza huwa importanti għall-konformità mal-obbligi regolatorji. Fi ħdan il-qafas ġenerali ta' governanza u teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jiżviluppaw, jiksbu (inkluża l-esternalizzazzjoni) u jissorveljaw is-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom permezz ta' proċess ta' governanza ċar u formalizzat. Il-proċess ta' governanza jrid jiżgura li kull kunsiderazzjoni rilevanti, inklużi dawk kummerċjali, tekniċi, tar-riskji u ta' konformità li għandhom jitqiesu fit-teħid tad-deċiżjonijiet ewlenin jingħataw l-importanza xierqa. B'mod partikolari, għandu jinkorpora prinċipji ta' konformità u ta' ġestjoni tar-riskji. Il-proċess ta' governanza jrid ikollu wkoll linji ċari ta' responsabbiltà, inklużi proċeduri għall-approvazzjoni ta' żvilupp, skjerament inizjali, aġġornamenti sussegwenti u r-risoluzzjoni ta' problemi identifikati permezz tal-monitoraġġ. Għandu jkun hemm ukoll proċeduri xierqa għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni.
- Fil-proċess ta' governanza, il-persunal ta' konformità għandu jkun responsabbli milli jipprovdi ċarezza dwar l-obbligi regolatorji tal-operatur tas-suq jew tad-ditta u l-politiki u l-proċeduri li għandhom l-għan li jiżguraw li l-użu tas-sistemi ta' negozjar jikkonforma mal-obbligi tal-operatur tas-suq jew tad-ditta u li jiġi identifikat kull nuqqas ta' konformità. Dan jeħtieġ li l-persunal ta' konformità jkollu fehim dwar il-mod li bih jaħdmu s-sistemi ta' negozjar, iżda mhux għarfien dwar il-karatteristiċi tekniċi tas-sistemi ta' negozjar.

#### **a) Kapaċità u reżiljenza**

- Is-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għandu jkollhom biżżejjed kapaċità sabiex jakkomodaw volumi raġonevolment prevedibbli ta' messaġġi u li faċilment jistgħu jiġu mtejba sabiex tikber il-kapaċità li jifilħu bħala reazzjoni għal żieda fil-fluss ta' messaġġi u kundizzjonijiet ta' emerġenza li jistgħu jheddu t-tħaddim xieraq tagħhom.

#### **b) Kontinwità tan-Negozju**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju effettivi fir-rigward tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom sabiex jindirizzaw inċidenti li jfixklu, inklużi, iżda mhux limitati għal, sistemi li ma jaħdmux. L-arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju għandhom jiżguraw tkomplija tempestiva tan-negozjar, inklużi, iżda mhux limitati għal, sistemi li ma jaħdmux. L-arranġamenti għandhom ikopru, kif ikun xieraq, kwistjonijiet bħal:
  - a. Il-governanza għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti;
  - b. Kunsiderazzjoni ta' firxa adegwata ta' xenarji possibbli relatati mat-tħaddim tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom li jeħtieġu arranġamenti ta' kontinwità speċifiċi;
  - c. L-ikkupjar ta' riserva ta' dejta kritika dwar in-negozju (inkluża dwar il-konformità) li tgħaddi mis-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom;
  - d. Il-proċeduri għat-trasferiment fis-sistema ta' negozjar elettroniku u għat-tħaddim tagħha minn sit fejn jinħażnu l-kopji ta' riserva;
  - e. Taħriġ tal-persunal dwar it-tħaddim ta' arranġamenti u r-rwoli individwali fihom; u

- f. Programm kontinwu għall-ittestjar, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-arranġamenti inklużi proċeduri għall-modifika tal-arranġamenti fid-dawl tar-riżultati ta' dak il-programm.

#### **d) Ittestjar**

- Qabel ma jimplimentaw sistema ta' negozjar elettroniku, u qabel ma jimplimentaw aġġornamenti, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jagħmlu użu minn metodoloġiji ta' żvilupp u ttestjar imfassla b'mod ċar. L-użu ta' dawn il-metodoloġiji għandu jkollu l-għan li jiżgura li, fost l-oħrajn, it-tħaddim tas-sistema ta' negozjar elettroniku ikun kompatibbli mal-obbligi tas-suq regolat u tal-faċilità tan-negozjar multilaterali skont il-MiFID u liġijiet rilevanti oħrajn tal-Unjoni jew nazzjonali, li l-konformità u l-kontrolli ta' ġestjoni tar-riskji inkorporati fis-sistemi jaħdmu kif inhu maħsub (inkluż l-iġġenerar ta' rapporti ta' żbalji b'mod awtomatiku) u li s-sistema ta' negozjar elettroniku tista' tibqa' taħdem b'mod effettiv f'kundizzjonijiet ta' kriżi tas-suq.

#### **e) Monitoraġġ u reviżjoni**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jissorveljaw is-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom fil-ħin reali. Malajr kemm jista' jkun, għandhom jitrattaw b'mod adegwat il-problemi identifikati fl-ordni skont il-prijorità u għandhom ikunu jistgħu jirranġaw, iżarmaw, jew jagħlqu s-sistema ta' negozjar elettroniku, meta dan ikun meħtieġ. Id-deċizzjonijiet dwar azzjoni ta' indirizzar ta' problemi fis-sistemi ta' negozjar elettroniku għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni serja l-ħtieġa, sa fejn ikun possibbli, għal dawk li jħaddmu pjattaformi ta' negozjar sabiex jaġixxu b'mod ordnat.
- Sabiex jiżguraw li l-pjattaformi ta' negozjar jibqgħu kontinwament effettivi, l-operaturi ta' dawn il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jirrevedu u jevalwaw b'mod perijodiku s-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom, u l-proċess assoċjat għall-governanza, ir-responsabbiltà u l-approvazzjoni u l-arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju assoċjati. Għandhom jaġixxu fuq il-bażi ta' dawn ir-reviżjonijiet u l-evalwazzjonijiet sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet. Il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni għandu jkollu grad ta' indipendenza li jista' jinkiseb, pereżempju, permezz tal-involvement ta' awditjar intern jew partijiet terzi.

#### **f) Sigurtà**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom proċeduri u arranġamenti għas-sikurezza fiżika u elettronika mfassla sabiex tippoteġi s-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom mill-użu ħażin jew minn aċċess mhux awtorizzat u sabiex tiġi żgurata l-integrità tad-dejta li hija parti mis-sistemi jew li tgħaddi minnhom.

#### **g) Persunal**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom proċeduri u arranġamenti, inklużi r-reklutaġġ u t-taħriġ, sabiex jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' persunal tagħhom u mbagħad, sabiex jiżguraw li huma jimpjegaw numru suffiċjenti ta' persunal bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa sabiex jamministraw is-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom. Dan se jinkludi r-reklutaġġ ta' persunal b'għarfien dwar is-sistemi ta' negozjar elettroniku rilevanti, il-monitoraġġ u l-ittestjar ta' dawn is-sistemi u dwar it-tip ta' negozju li se jitwettaq mill-membri/parteciċpanti fis-suq regolat jew l-utenti tal-faċilità tan-negozjar multilaterali u tal-obbligi regulatorji tas-swieq regolati jew tas-sistemi ta' negozjar multilaterali.



## h) Żamma tar-rekords u kooperazzjoni

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom iżommu rekords fir-rigward tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom li tal-inqas ikopru l-kwistjonijiet imsemmija fil-punti a) sa g) aktar 'il fuq. Din se tinkludi tagħrif dwar deċiżjonijiet importanti, karatteristiċi tas-sistema, metodoloġiji ta' ttestjar, riżultati tat-testijiet u reviżjonijiet perjodiċi. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi rilevanti tal-pjattaforma ta' negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li jħaddmu faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għandhom iżommu r-rekords għal minimu ta' 5 snin. L-operaturi tas-suq li jħaddmu swieq regolati għandhom iżommuhom għal tal-inqas kemm huwa mitlub mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju tagħhom.
- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti, b'konformità mal-arranġamenti superviżorji li jeżistu fl-Istat Membru tagħhom, dwar kull riskju sinifikanti li jista' jaffettwa l-ġestjoni soda tal-operazzjonijiet tekniċi tas-sistema u dwar l-inċidenti importanti fejn dawn ir-riskji l-aktar li jimmanifestaw ruħhom.

### **Linja gwida 2. Rekwiżiti organizzazzjonali għas-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' ditti tal-investment (inklużi algoritmi ta' negozjar)**

**Leġiżlazzjoni rilevanti.** *L-Artikoli 13, paragrafi (2), (4), (5) u (6), tal-MiFID u l-Artikoli 5 sa 9, l-Artikoli 13 u 14 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID*

#### *Linja gwida ġenerali*

1. Sistema (jew sistemi) ta' negozjar elettroniku ta' ditti tal-investment, inklużi algoritmi ta' negozjar, għandhom jiżguraw li d-ditta tikkonforma mal-obbligi applikabbli taħt il-MiFID u l-liġijiet rilevanti l-oħra tal-Unjoni u nazzjonali kif ukoll mar-regoli tal-pjattaformi ta' negozjar li tibgħatilhom l-ordnijiet. B'mod partikolari, is-sistema (jew sistemi) għandhom ikunu adattati sew għan-negozju li jsir permezz tagħha (jew tagħhom) u hija (jew huma) robusta biżżejjed sabiex tiżgura kontinwità u regolarità fit-twettiq tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investment tagħha f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat.

#### *Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jsegu linja gwida ġenerali, id-ditti tal-investment għandhom tal-inqas jieħdu f'kunsiderazzjoni dan li ġej:

##### **a) Governanza**

- Il-proċess ta' governanza huwa importanti għall-konformità mal-obbligi regulatorji. Fi ħdan il-qafas ġenerali ta' governanza u teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, id-ditti tal-investment għandhom jiżviluppaw, jiksbu (inkluża l-esternalizzazzjoni) u jissorveljaw is-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom permezz ta' proċess ta' governanza ċar u formalizzat. Dan il-proċess ta' governanza jrid jiżgura li kull kunsiderazzjoni rilevanti, inklużi daww kummerċjali, tekniċi, tar-riskji u ta' konformità li għandhom jitqiesu fit-teħid tad-deċiżjonijiet ewlenin tingħata l-importanza xierqa. B'mod partikolari, għandu jinkorpora prinċipji ta' konformità u ta' ġestjoni tar-riskji. Il-proċess ta' governanza jrid ikollu wkoll linji ċari ta' responsabbiltà, inklużi proċeduri għall-approvazzjoni ta' żvilupp, skjerament inizjali, aġġornamenti sussegwenti u r-riżoluzzjoni ta' problemi identifikati

permezz tal-monitoraġġ. Għandu jkun hemm ukoll proċeduri xierqa għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni.

- Fil-proċess ta' governanza, il-persunal ta' konformità għandu jkun responsabbli milli jipprova ċarezza dwar l-obbligi regolatorji tal-operatur tas-suq jew tad-ditta u l-politiki u l-proċeduri li għandhom l-għan li jiżguraw li l-użu tas-sistemi ta' negozjar u l-algoritmi jikkonforma mal-obbligi tad-ditta u li jiġi identifikat kull nuqqas. Dan ifisser li l-persunal ta' konformità jrid ikun jifhem il-mod li bih jaħdmu s-sistemi ta' negozjar u l-algoritmi, iżda mhux għarfien dwar il-karatteristiċi tekniċi tas-sistemi ta' negozjar jew tal-algoritmi.

#### **b) Kapaċità u reżiljenza**

- Is-sistemi ta' negozjar elettroniku ta' ditta tal-investment għandu jkollhom biżżejjed kapaċità sabiex jakkomodaw volumi raġonevolment prevedibbli ta' messaġġi u li faċilment jistgħu jiġu mtejbja sabiex tikber il-kapaċità li jifilħu bħala reazzjoni għal żieda fil-fluss ta' messaġġi u kundizzjonijiet ta' emerġenza li jistgħu jheddu t-tħaddim xieraq tagħhom.

#### **c) Kontinwità tan-Negozju**

- Ditti tal-investment għandu jkollhom arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju adegwati, raġonevoli u effettivi fir-rigward tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom sabiex ikopru inċidenti li jfixklu (li, kif inhu meħtieġ, jistgħu jiżguraw tkomplija tempestiva tan-negozjar) inklużi, iżda mhux limitati għal, sistemi li ma jaħdmux, peress li l-arranġamenti għandhom ikopru, kif ikun xieraq, kwistjonijiet bħal:
  - a. Il-governanza għall-iżvilupp u l-iskjerament tal-arranġamenti;
  - b. Kunsiderazzjoni ta' firxa adegwata ta' xenarji possibbli relatati mat-tħaddim tas-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom li jeħtieġu arranġamenti ta' kontinwità speċifiċi;
  - c. L-ikkupjar ta' riserva ta' dejta kritika dwar in-negozju (inkluża dwar il-konformità) li tgħaddi mis-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom;
  - d. Il-proċeduri għat-trasferiment fis-sistema ta' negozjar elettroniku u għat-tħaddim tagħha minn sit fejn jinħażnu l-kopji ta' riserva;
  - e. Taħriġ tal-persunal dwar it-tħaddim ta' arranġamenti u r-rwoli individwali fihom; u
  - f. Programm kontinwu għall-ittestjar, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-arranġamenti inklużi proċeduri għall-modifika tal-arranġamenti fid-dawl tar-riżultati ta' dak il-programm.

#### **d) Ittestjar**

- Qabel ma jimplimentaw sistema ta' negozjar elettroniku jew algoritmu tan-negozjar u qabel ma jimplimentaw l-aġġornamenti, id-ditti tal-investment għandhom jagħmlu użu minn metodoloġiji ta' żvilupp u ttestjar imfassla b'mod ċar. Għall-algoritmi, dawn jistgħu jinkludu simulazzjonijiet ta' prestazzjoni/ittestjar b'lura jew ittestjar offline fi ħdan ambjent ta' ttestjar ta' pjattaforma ta' negozjar (fejn l-operaturi tas-suq iqiegħdu l-ittestjar għad-dispożizzjoni). L-użu ta' dawn il-metodoloġiji għandu jkollu l-għan li, fost l-oħrajn, it-tħaddim tas-sistema ta' negozjar elettroniku

jew tal-algoritmu tan-negozjar ikun kompatibbli mal-obbligi tad-ditta tal-investment skont il-MiFID u liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni jew nazzjonali kif ukoll ir-regoli tal-pjattaformi ta' negozjar li jużaw, li l-konformità u l-kontrolli ta' ġestjoni tar-riskji inkorporati fis-sistema jaħdmu kif inhu maħsub (inkluż l-iġġenerar ta' rapporti ta' żbalji b'mod awtomatiku) u li s-sistema ta' negozjar elettroniku jew l-algoritmu jistgħu jibqgħu jaħdmu b'mod effettiv f'kundizzjonijiet tas-suq fi kriżi. Il-ħidma effettiva f'kundizzjonijiet tas-suq fi kriżi tista' timplikaw (iżda mhux neċessarjament) li s-sistema jew l-algoritmu jintfew f'dawk il-kundizzjonijiet.

- Id-ditti tal-investment għandhom jadattaw testijiet tal-algoritmu tan-negozjar (inklużi testijiet barra ambjenti ta' negozjar live) għall-istrategġija li għaliha d-ditta se tuża l-algoritmu (inklużi s-swieq li se tibgħatilhom l-ordnijiet u l-istruttura tagħhom). Id-ditta tal-investment għandha tiżgura wkoll li dawn it-testijiet huma proporzjonati mar-riskji li din l-istrategġija tista' timplika għaliha stess u għall-funzjonament ġust u ordnat tas-swieq operati mill-pjattaformi ta' negozjar li d-ditta għażlet sabiex tirċievi l-ordnijiet mill-algoritmu. Id-ditti tal-investment għandhom iwettqu testijiet ulterjuri jekk is-swieq li fihom għandu jintuża l-algoritmu jinbidlu minn dawk li oriġinarjament kienu maħsuba.
- Id-ditti tal-investment għandhom iniedu l-implimentazzjoni tal-algoritmi ta' negozjar f'ambjent live b'mod ikkontrollat u bir-reqqa permezz ta', pereżempju, limiti li jitqiegħdu fuq in-numru ta' strumenti finanzjarji li jiġu nneozzjati, il-valur u n-numru ta' ordnijiet u n-numru ta' swieq li jintbagħtulhom ordnijiet sabiex id-ditta tkun tista' tivverifika li algoritmu jkollu l-prestazzjoni mistennija f'ambjent live u sabiex tkun tista' tagħmel bidliet fih jekk dan ma jilħaqx din il-prestazzjoni mistennija.

#### **e) Monitoraġġ u reviżjoni**

- Id-ditti tal-investment għandhom jissorveljaw fil-ħin reali s-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom. Għandhom jittrattaw b'mod adegwat il-problemi identifikati malajr kemm jista' jkun fl-ordni skont il-prijorità u jkunu jistgħu jirraġnaw, iżarmaw, jew jagħlqu s-sistema ta' negozjar elettroniku jew l-algoritmu tan-negozjar, meta dan ikun meħtieġ. Sa fejn dan ikun possibbli meta jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw problemi fis-sistemi ta' negozjar elettroniku tagħhom, id-ditti tal-investment għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni serja l-ħtieġa għall-membri/parteċipanti u l-utenti tas-swieq regolati sabiex jaġixxu b'mod ordnat.

Id-ditti tal-investment għandhom jirrevedu u jevalwaw b'mod perjodiku s-sistemi ta' negozjar elettroniku u l-algoritmi ta' negozjar tagħhom, u l-governanza assoċjata, il-qafas tar-responsabbiltà u approvazzjoni u l-arranġamenti assoċjati ta' kontinwità tan-negozju. Għandhom jaġixxu fuq il-bażi ta' dawn ir-reviżjonijiet u evalwazzjonijiet sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati. Il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni għandu jkollu ċertu grad ta' indipendenza li jista' jinkiseb, pereżempju, permezz tal-involvement ta' awditjar intern jew partijiet terzi. Ir-reviżjonijiet tal-prestazzjoni tal-algoritmi ta' negozjar għandhom jinkludu valutazzjoni tal-impatt dwar l-integrità u r-reżiljenza tas-suq kif ukoll il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-istrategġija li għalihom huwa implimentat l-algoritmu.

#### **f) Sigurtà**

- Id-ditti tal-investment għandu jkollhom proċeduri u arranġamenti għas-sikurezza fiżika u elettronika mfassla sabiex jiproteġu s-sistemi ta' negozjar elettroniku u l-algoritmi ta' negozjar

mill-użu ħażin jew minn aċċess mhux awtorizzat u sabiex tiġi żgurata l-integrità tad-dejta li hija parti mis-sistemi u l-algoritmi jew li tgħaddi minnhom.

#### **g) Persunal**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom proċeduri u arranġamenti, inklużi t-taħriġ u r-reklutaġġ, sabiex jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' persunal tagħhom u sabiex jimpjegaw numru suffiċjenti ta' persunal bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa sabiex jamministra s-sistemi ta' negozjar elettroniku u l-algoritmi ta' negozjar tagħhom. Dan se jinkludi r-reklutaġġ ta' persunal b'għarfien dwar is-sistemi ta' negozjar elettroniku u l-algoritmi rilevanti, il-monitoraġġ u l-ittestjar ta' dawn is-sistemi u l-algoritmi u dwar it-tip ta' strateġiji ta' negozjar li d-ditta timplimenta permezz tas-sistemi ta' negozjar u l-algoritmi tagħha u dwar l-obbligi regolatorji tad-ditti.

#### **h) Żamma tar-rekords u kooperazzjoni**

- Għal tal-inqas ħames snin, id-ditti tal-investment għandhom iżommu rekords tas-sistemi ta' negozjar elettroniku (u l-algoritmi ta' negozjar) tagħhom fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti fil-paragrafu 3, inkluż it-tagħrif dwar id-deċiżjonijiet prinċipali, l-istrateġija jew l-istrateġiji ta' negozjar li kull algoritmu huwa implimentat sabiex iwettaq, karatteristiċi tas-sistema, metodoloġiji ta' ttestjar, riżultati tat-testijiet u reviżjonijiet perjodiċi. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissorveljaw il-konformità tad-ditti mal-obbligi rilevanti tagħhom.
- Id-ditti tal-investment għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti, b'konformità mal-arranġamenti superviżorji li jeżistu fl-Istat Membru tagħhom, dwar kull riskju sinifikanti li jista' jaffettwa l-ġestjoni soda tal-operazzjonijiet tekniċi tas-sistemi ta' negozjar elettroniku u l-algoritmi tagħhom u dwar l-inċidenti importanti fejn dawn ir-riskji l-aktar li jimmanifestaw ruħhom.

### **Linja gwida 3. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għall-promozzjoni ta' negozjar ġust u ordnat f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat**

#### **Leġislazzjoni rilevanti.**

*L-Artikolu 39, paragrafi (b), (c) u (d), l-Artikolu 42, u l-Artikolu 43 tal-MiFID għas-swieq regolati.*

*L-Artikolu 14, paragrafi (1) u (4), l-Artikolu 13, paragrafi (2), (5) u (6), l-Artikolu 42, paragrafu (3), u l-Artikolu 26 tal-MiFID u l-Artikoli 13 u 14 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID għal faċilitajiet tan-negozjar multilaterali.*

#### **Linja gwida ġenerali**

1. Ir-regoli u l-proċeduri tas-swieq regolati u tal-faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għan-negozjar ġust u ordnat dwar is-swieq elettroniċi tagħhom għandhom ikunu adattati għan-natura u l-iskala tan-negozjar f'dawn is-swieq, inklużi t-tipi ta' membri, parteċipanti u utenti u l-istrateġiji ta' negozjar tagħhom.

### *Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jsegu l-linja gwida ġenerali, ir-regoli u l-proċeduri tal-pjattaformi ta' negozjar tal-inqas għandhom jinkludu:

**a) Rekwiżiti għal membri jew parteċipanti li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investment**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom prestazzjoni b'diliġenza dovuta adegwata fl-applikazzjonijiet sabiex isiru membru/parteċipant jew utent minn persuni li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investment skont il-liġi tal-UE.
- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jkollhom rekwiżiti organizzazzjonali għal membri jew parteċipanti li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jew ditti tal-investment (filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kontrolli imposti fuq id-ditti awtorizzati barra ż-ŻEE, kif ikun neċessarju), inklużi r-rekwiżiti dwar il-monitoraġġ tan-negozjar fl-isfond tar-regoli tal-pjattaforma u l-ġestjoni tar-riskju. Ir-regoli tal-pjattaformi ta' negozjar għandhom jeħtieġu lill-membri/parteċipanti u lill-utenti li mhumiex ditti tal-investment sabiex isegwu l-linji gwida stabbiliti f'dan id-dokument għal ditti tal-investment.

**b) Kompatibilità Informatika**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom testijiet tal-konformità standardizzati sabiex jiżguraw li s-sistemi li l-membri u l-parteċipanti qed jużaw sabiex jagħmlu aċċess għall-pjattaforma jkollhom livell minimu ta' funzjonalità li huwa kompatibbli mas-sistema ta' negozjar elettroniku ta' pjattaformi ta' negozjar u li mhumiex se jkunu ta' theddida għan-negozjar ġust u ordnat fil-pjattaforma.

**c) Kontrolli qabel u wara n-negozjar**

- Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm negozjar ordnat fil-pjattaforma, il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom rekwiżiti minimi għall-kontrolli ta' qabel u wara n-negozjar tal-membri/parteċipanti u l-utenti fuq l-attivitajiet ta' negozjar tagħhom (inklużi kontrolli sabiex jiġi żgurat li ma hemm l-ebda aċċess li mhuwiex awtorizzat għas-sistemi ta' negozjar). B'mod partikolari, għandu jkun hemm kontrolli fuq l-iffiltrar tal-prezz u l-kwantità tal-ordnijiet (dan ir-rekwiżit huwa mingħajr ħsara għar-responsabbiltà tal-membri/parteċipanti jew l-utenti sabiex jimplimentaw il-kontrolli proprji tagħhom qabel u wara n-negozjar).

**d) Aċċess u għarfien tan-negozjanti**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom standards li jkopru l-għarfien ta' persuni fost il-membri/parteċipanti u l-utenti li se jkunu qed jużaw is-sistemi ta' entrati ta' ordnijiet.

**d) Limiti għall-aċċess u interventi fuq tranżazzjonijiet.**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom il-kapaċità li jipprevjenu kompletament jew parzjalment l-aċċess ta' membru jew parteċipant għas-swieq tagħhom u sabiex jikkanċellaw, jemendaw jew jikkoreġu tranżazzjoni. Ir-regoli u l-proċeduri għall-kanċellazzjoni, l-emendar jew il-korrezzjoni tan-negozjar għandhom ikunu trasparenti għall-membri/parteċipanti u l-utenti tas-suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali.

**e) Miżuri sabiex ikun jista' jiġi indirizzat fluss eċċessiv fir-reġistru tal-ordnijiet.**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom arranġamenti sabiex jipprevjenu l-flussi eċċessivi fir-reġistru tal-ordnijiet fi kwalunkwe mument, l-aktar permezz ta' limiti għal kull parteċipant fir-rigward tal-kapaċità ta' entrati ta' ordnijiet.

**f) Prevenzjoni milli jinqabżu l-limiti ta' kapaċità.**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom arranġamenti (bħat-trażżin ta' fluss ta' dejta) sabiex jipprevjenu milli jinqabżu l-limiti ta' kapaċità fuq il-messaġġi. Bħala minimu, il-qafas ta' dawk l-arranġamenti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri/parteċipanti u utenti.

**g) Miżuri sabiex jillimitaw jew iwaqqfu n-negozjar.**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom arranġamenti (pereżempju, interruzzjonijiet tal-volatilità jew ċaħda awtomatika ta' ordnijiet li jaqgħu barra ċerti volum u livelli limiti ta' prezzijiet imfassla) sabiex jillimitaw in-negozjar jew iwaqqfu n-negozjar fi strumenti finanzjarji individwali jew multipli meta dan ikun meħtieġ, sabiex iżommu suq ordnat. Bħala minimu, il-qafas ta' dawk l-arranġamenti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri/parteċipanti u utenti.

**h) Il-kisba ta' informazzjoni minn membri/parteċipanti u utenti**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom il-kapaċità li jiksbu informazzjoni minn membru/parteċipant jew utent sabiex jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli u l-proċeduri tas-suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali relatati mar-reqwiziti organizzazzjonali u l-kontrolli ta' negozjar.

**j) Monitoraġġ**

- Kull meta l-pjattaforma ta' negozjar tkun qed titħaddem, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jissorveljaw is-swieq tagħhom viċin kemm jista' jkun tal-ħin reali għal sinjali possibbli ta' negozjar mhux ordnat. Dan il-monitoraġġ għandu jitwettaq minn persunal li jifhem il-funzjonament tas-suq. Dak il-persunal għandu jkun aċċessibbli għall-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju tal-pjattaforma u għandu jkollu l-awtorità sabiex jieħu azzjoni ta' rimedju, meta din tkun meħtieġa, sabiex jipproteġi n-negozjar ġust u ordnat.

**k) Iż-żamma tar-rekords u kooperazzjoni**

- i) Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom iżommu rekords tal-kwistjonijiet koperti mill-punti a) sa j) aktar 'il fuq, inklużi dwar kwistjonijiet li jitfaċċaw fir-rigward tal-politiki u l-proċeduri msemmija. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lil awtorità kompetenti sabiex tissorvelja l-konformità mal-obbligi rilevanti tal-pjattaformi ta' negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li joperaw faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għandhom iżommu r-rekords għal tal-inqas 5 snin. L-operaturi tas-suq li joperaw swieq regolati għandhom iżommuhom għal tal-inqas kemm huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju tagħhom.
- ii) Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti, b'konformità mal-arranġamenti superviżorji li jeżistu fl-Istat Membru tagħhom, dwar riskji sinifikanti li jistgħu

jaffettwaw in-negozjar ġust u ordnat u dwar inċidenti importanti fejn dawn ir-riskji l-aktar li jimmanifestaw ruħhom.

**Linja gwida 4. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment għall-promozzjoni ta' negozjar ġust u ordnat f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat**

**Leġiżlazzjoni rilevanti.** L-Artikoli 13, paragrafi (2), (4), (5) u (6), tal-MiFID u l-Artikoli 5, 6, 7 u 9, l-Artikoli 13 u 14 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID.

*Linja gwida ġenerali*

1. Id-ditti tal-investment irid ikollhom politiki u proċeduri sabiex jiżguraw li l-attivitajiet ta' negozjar awtomatizzat tagħhom, inklużi fejn ikunu qed jipprovdu DMA jew SA, fil-pjattaformi ta' negozjar jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji tagħhom skont il-MiFID u liġijiet rilevanti oħrajn tal-Unjoni u nazzjonali u, b'mod partikolari, li jamministraw ir-riskji relatati ma' daww l-attivitajiet ta' negozjar.

*Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jsegwu linja gwida ġenerali, l-attivitajiet ta' negozjar awtomatizzat tad-ditti tal-investment għandhom tal-inqas jieħdu f'kunsiderazzjoni l-punti li ġejjin:

**a) Parametri tal-prezz jew tad-daqs**

- Id-ditti tal-investment għandhom ikunu jistgħu jimblukaw jew jikkanċellaw b'mod awtomatiku ordnijiet li ma jilhqax parametri tal-prezz jew tad-daqs stabbiliti (li jvarjaw skont kif ikun meħtieġ bejn strumenti finanzjarji differenti), wieħed minnhom jew it-tnejn li huma fuq il-bażi ta' kull ordni individwali jew matul perjodu speċifikat ta' żmien.

**b) Permess għan-negozjar**

- Id-ditti tal-investment għandhom ikunu jistgħu jimblukaw jew jikkanċellaw b'mod awtomatiku ordnijiet minn negozjant jekk ikunu jafu għal strument finanzjarju li negozjant ma għandux il-permess li jimnegozja.

**c) Ġestjoni tar-riskji**

- Id-ditti tal-investment għandhom ikunu jistgħu jimblukaw jew jikkanċellaw b'mod awtomatiku ordnijiet fejn jirriskjaw li jikkompromettu l-livelli limiti ta' ġestjoni tar-riskji proprji tad-ditta. Għandhom jiġu applikati kontrolli kif ikunu meħtieġa u xierqa għall-klijenti jew l-istrumenti finanzjarji individwali jew gruppi ta' klijenti jew strumenti finanzjarji, skoperturi ta' negozjanti individwali, unitajiet ta' negozjar jew id-ditta tal-investment sħiħa.

**d) Konsistenza mal-qafas regolatorju u legali**

- Is-sistemi elettroniċi tad-ditti tal-investment, u l-ordnijiet li dawn jiġġeneraw, għandhom ikunu konsistenti mal-obbligi tad-ditta fil-MiFID, jew f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, jew fir-regoli tal-RM jew l-MTF li lilhom għandha tintbagħat l-ordni (inklużi regoli relatati man-negozjar ġust u ordnat).

**e) Obbligi ta' rapportar għal arranġamenti supervizzorji**

- Id-ditti tal-investment għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti, b'konformità mal-arranġamenti supervizzorji li jeżistu fl-Istat Membru tagħhom, dwar riskji sinifikanti li jistgħu jaffettwaw in-negozjar legali u ordnat u dwar inċidenti importanti fejn dawn ir-riskji jimmanifestaw ruħhom.

**f) Prevalenza fuq il-kontrolli ta' qabel in-negozjar**

- Id-ditti tal-investment għandu jkollhom proċeduri u arranġamenti sabiex jittrattaw ordnijiet li ġew imblukkati b'mod awtomatiku mill-kontrolli ta' qabel in-negozjar tad-ditta, iżda li d-ditta tal-investment tixtieq tissottometti. Dawn il-proċeduri u arranġamenti għandhom jgħarrfu lill-persunal ta' konformità u għestjoni tar-riskji meta tkun qed tittieħed prevalenza fuq il-kontrolli u jeħtieġu l-approvazzjoni tal-persunal sabiex tittieħed l-prevalenza fuq dawn il-kontrolli.

**g) Taħriġ dwar proċeduri ta' entrata ta' ordnijiet**

- Id-ditti tal-investment għandhom jiżguraw li l-impjegati involuti fl-entrata tal-ordnijiet ikollhom taħriġ adegwat dwar il-proċeduri ta' entrata ta' ordnijiet, pereżempju permezz ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol ma' negozjanti esperjenzati jew taħriġ ibbażat fi klassi, inkluża l-konformità mar-rekwiżiti imposti minn pjattaformi ta' negozjar, qabel ma jitħallew jużaw is-sistemi ta' entrata ta' ordnijiet.

**h) Monitoraġġ u aċċessibilità ta' persunal kompetenti u inkarigat**

- Matul is-sigħat li fihom jibagħtu ordnijiet lil pjattaformi ta' negozjar, id-ditti tal-investment għandhom jissorveljaw l-ordnijiet tagħhom viċin kemm jista' jkun tal-ħin reali, anki minn perspettiva ta' minn suq għal ieħor, għal sinjali potenzjali ta' negozjar mhux ordnat. Dan il-monitoraġġ għandu jitwettaq minn persunal li jifhem il-fluss tan-negozju tad-ditta. Dawk il-membri tal-persunal għandhom ikunu aċċessibbli għall-awtorità kompetenti tad-ditta u għall-pjattaformi ta' negozjar li fihom id-ditta tkun attiva u għandu jkollhom l-awtorità li jieħdu azzjoni ta' rimedju, fejn din tkun meħtieġa.

**i) Skrutinju mill-qrib mill-persunal ta' konformità**

- Id-ditti tal-investment għandhom jiżguraw li l-persunal ta' konformità jkun jista' jsegiwi mill-qrib l-attività ta' negozjar elettroniku ta' ditta sabiex ikun jista' jwieġeb għal jew jikkoreġi minnufih kull nuqqas jew ksur regolatorju li jista' jseħħ.

**j) Kontroll tat-traffiku tal-messaġġi**

- Id-ditti tal-investment għandhom jiżguraw li jkollhom il-kontroll tat-traffiku tal-messaġġi lil pjattaformi ta' negozjar individwali.

**k) Għestjoni tar-riskju operazzjonali**

- Id-ditti tal-investment għandhom jamministraw ir-riskji operazzjonali f'negozjar elettroniku permezz ta' arranġamenti ta' governanza, kontroll interni u sistemi interni ta' rapportar xierqa u proporzjonati filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni, kif ikun xieraq, tas-CEBS' Guidelines on the



Management of Operational Risk in Market-Related Activities<sup>1</sup> (“Linji Gwida tas-CEBS dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Operazzjonali f’Attivitajiet Relatati mas-Suq”).

## **l) Kompatibilità Informatika**

- Id-ditti tal-investment għandhom jiżguraw li s-sistemi li jużaw sabiex ikollhom aċċess għal pjattaforma ta’ negozjar ikollhom livell minimu ta’ funzjonalità li tkun kompatibbli mas-sistemi ta’ negozjar elettroniku ta’ pjattaforma ta’ negozjar u li mhumiex se jkunu ta’ theddida għan-negozjar ġust u ordnat f’dik il-pjattaforma.

## **m) Żamma ta’ rekords u kooperazzjoni**

- Għal minimu ta’ ħames snin, id-ditti tal-investment għandhom iżommu rekords dwar il-kwistjonijiet koperti mill-punti a) sa l) aktar ’il fuq. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissorveljaw il-konformità tad-ditti mal-obbligi rilevanti tagħhom.
- Id-ditti tal-investment għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti, b’konformità mal-arranġamenti superviżorji li jeżistu fl-Istat Membru tagħhom, dwar riskji sinifikanti li jistgħu jaffettwaw in-negozjar ġust u ordnat u dwar inċidenti importanti fejn dawn ir-riskji jimmaterjalizzaw ruħhom.

**Linja gwida 5. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq (b’mod partikolari l-manipulazzjoni tas-suq) f’ambjent ta’ negozjar awtomatizzat**

### **Leġiżlazzjoni rilevanti**

*L-Artikolu 39, paragrafi (b) u (d), u l-Artikolu 43 tal-MiFID u l-Artikolu 6, paragrafi (6) u 9, tal-MAD u l-Artikoli 7 sa 10 tad-Direttiva ta’ Implimentazzjoni tal-MAD 2004/72/KE għas-swieq regolati.*

*L-Artikolu 14, paragrafu (1), l-Artikolu 13, paragrafi (2), (5) u (6), u l-Artikolu 26 tal-MiFID, l-Artikoli 5 sa 9 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta’ Implimentazzjoni tal-MiFID u l-Artikolu 6, paragrafi (6) u (9) tal-MAD u l-Artikoli 7 sa 10 tad-Direttiva ta’ Implimentazzjoni tal-MAD 2004/72/KE għal faċilitajiet tan-negozjar multilaterali.*

### **Linja gwida ġenerali**

- Il-pjattaformi ta’ negozjar għandu jkollhom arranġamenti u proċeduri effettivi, filwaqt li jieħdu f’kunsiderazzjoni l-arranġamenti/regolament superviżorji speċifiċi fl-Istat Membru tagħhom, li jippermettulhom jidentifikaw il-kondotta tal-membri/parteċipanti u utenti tagħhom li tista’ tinvolti abbuż tas-suq (b’mod partikolari, manipulazzjoni tas-suq) f’ambjent ta’ negozjar awtomatizzat.
- Każijiet potenzjali ta’ manipulazzjoni tas-suq li tista’ tkun ta’ tħassib partikolari f’ambjent ta’ negozjar awtomatizzat jinkludu:

<sup>1</sup> Disponibbli fuq [http://www.esa.europa.eu/documents/Publications/Standards---Guidelines/2010/Management-of-op-risk/CEBS-2010-216-\(Guidelines-on-the-management-of-op-.aspx](http://www.esa.europa.eu/documents/Publications/Standards---Guidelines/2010/Management-of-op-risk/CEBS-2010-216-(Guidelines-on-the-management-of-op-.aspx)

- **Ordnijiet ping (ping orders)** – jiddaħħlu ordnijiet żgħar sabiex jiġi żgurat livell ta' ordnijiet moħbija u b'mod partikolari użata sabiex jiġi valutat x'hemm fi pjattaforma fejn in-negozjar isir b'mod anonimu ('dark platform').
- **Iffullar ta' kwoti (quote stuffing)**- jiddaħħal għadd kbir ta' ordnijiet u/jew kannellazzjonijiet/aġġornamenti ta' ordnijiet sabiex tinholq inċertezza għal parteċipanti oħra, u b'hekk titnaqqas il-veloċità tal-proċess tagħhom u sabiex tinħeba l-istrateġiaj proprja tal-persuna involuta.
- **Tqabbid ta' momentum (Momentum ignition)**- jiddaħħlu ordnijiet jew serje ta' ordnijiet bil-għan li tinbeda jew tikber xejra, u sabiex il-parteċipanti l-oħra jiġu mħeġġa jaċċeleraw jew ikabbru x-xejra sabiex tinholq opportunità tiżboq/titfaċċa pożizzjoni bi prezz favorevoli.
- **Tfassil u Tqarriq (Layering and Spoofing)**- sottomissjoni ta' diversi ordnijiet, spiss il-bogħod mill-punt ta' mess, fuq naħa tar-reġistru tal-ordnijiet bil-ħsieb ta' twettiq ta' negożjar fuq in-naħa l-oħra tar-reġistru tal-ordnijiet. L-ordnijiet manipulattivi jitneħħew ladarba jkun seħħ dak in-negożjar.

#### *Linji gwida dettaljati*

3. Filwaqt li jsegwu linja gwida ġenerali, l-arranġamenti u l-proċeduri ta' pjattaformi ta' negożjar li għandhom il-ħsieb li jipprevjenu u jidentifikaw kondotta mill-membri/parteċipanti u utenti tagħhom li tista' tinvolvi abbuż tas-suq u, b'mod partikolari, manipolazzjoni tas-suq f'ambjent ta' negożjar awtomatizzat għandhom jinkludu bħala minimu:

#### **a) Persunal**

- Il-pjattaformi ta' negożjar għandu jkollhom biżżejjed persunal b'fehmi tar-regolament u l-attività ta' negożjar u l-ħila sabiex jissorveljaw l-attività ta' negożjar f'ambjent ta' negożjar awtomatizzat u jidentifikaw imġiba li twassal għal suspetti ta' abbuż tas-suq (b'mod partikolari, manipolazzjoni tas-suq) fil-każ li l-monitoraġġ ta' abbużi mis-suq jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

#### **b) Monitoraġġ**

- Il-pjattaformi ta' negożjar għandu jkollha tal-inqas sistemi (inklużi sistemi ta' twissija awtomatizzati dwar tranżazzjonijiet u ordnijiet) b'biżżejjed kapaċità sabiex jakkomodaw ġenerazzjoni bi frekwenza għolja ta' ordnijiet u tranżazzjonijiet u trażmissjoni b'dewmien baxx, sabiex jissorveljaw, billi jużaw livell suffiċjenti ta' granularità ta' ħin, ordnijiet imdaħħla u tranżazzjonijiet imwettqa minn membri/parteċipanti u utenti u kwalunkwe imġiba li tista' tinvolvi abbuż tas-suq (b'mod partikolari, il-manipolazzjoni tas-suq, inkluża, fejn il-pjattaforma ta' negożjar tkun taf biha, l-imġiba bejn suq u ieħor) u bl-abilità li jittraċċaw lura tranżazzjonijiet imwettqa minn membri/parteċipanti u utenti kif ukoll ordnijiet imdaħħla/ikkanċellati li jistgħu jinvolvu manipolazzjoni tas-suq.

### c) Arranġamenti għall-identifikazzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet u ordnijiet suspettużi

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom arranġamenti fis-seħħ sabiex jidentifikaw tranżazzjonijiet, u huwa rakkomandat ukoll li dawn l-arranġamenti jkopru anki ordnijiet<sup>2</sup>, li jeħtieġu STR (Suspicious Transaction Reports) lil awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-abbuż tas-suq (b'mod partikolari manipulazzjoni tas-suq) u sabiex ifasslu dawn ir-rapporti mingħajr dewmien (jekk jitwettqu inkjesti inizjali, ir-rapport għandu jsir malajr kemm jista' jkun jekk daww l-inkjesti jonqsu milli jsibu spjegazzjoni sodisfaċenti għall-imġiba osservata).

### d) Reviżjonijiet

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom iwettqu reviżjonijiet perjodiċi u awditjar intern ta' proċeduri u arranġamenti sabiex jipprevjenu u jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' kondotta li jistgħu jinvolvu abbuż tas-suq.

### e) Żamma tar-rekords

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom iżommu rekords dwar kwistjonijiet koperti mill-punti a) sa d) aktar 'il fuq, inklużi rekords għall-verifika effettivi rigward kif inhi ttrattata kull twissija ta' imġiba suspettuża possibbli kemm jekk isir rapport lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif ukoll jekk le. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi rilevanti tagħhom tal-pjattaformi ta' negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li jħaddmu faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għandhom iżommu r-rekords għal tal-inqas 5 snin. L-operaturi tas-suq li joperaw swieq regolati għandhom iżommuhom għal tal-inqas kemm huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju tagħhom.

### **Linja gwida 6. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq (b'mod partikolari l-manipulazzjoni tas-suq) f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat**

**Leġislazzjoni rilevanti.** L-Artikolu 13, paragrafi (2), (5) u (6), tal-MiFID u l-Artikoli 5, 6 u 9 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID, u l-Artikolu 6, paragrafu (9), tal-MAD u l-Artikoli 7 sa 10 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MAD 2004/72/KE

#### *Linja gwida ġenerali*

1. Id-ditti tal-investment għandhom jkollhom politiki u proċeduri fis-seħħ sabiex jimminimizzaw ir-riskju li l-attività ta' negozjar awtomatizzata tagħhom twassal għal abbuż tas-suq (b'mod partikolari manipulazzjoni tas-suq).

<sup>2</sup> Fl-ewwel u t-tielet sett ta' gwida ta' Livell 3 tal-KRET dwar l-implimentazzjoni tal-MAD, il-KRET diġà pprova linji gwida dwar rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi (STR), fejn jiddikkjara: "CESR is of the view that where an unexecuted order for a transaction gives rise to a suspicion of market abuse, this suspicion is recommended, when not already legally required on a national basis, to be reported to the competent authority." ("Il-KRET huwa tal-fehima li fejn ordni mhux imwettqa għal tranżazzjoni twassal għal suspett ta' abbuż tas-suq, dan is-suspett huwa rakkomandat, meta dan ma jkunx diġà legalment meħtieġ fuq bażi nazzjonali, sabiex ikun irraportat lill-awtorità kompetenti.") Il-gwida ttiprovdi wkoll formola standard għar-rapportar ta' STR (Sezzjonijiet IV u V tal-gwida ta' Mejju 2005 (Ref : CESR/04-505b) u s-Sezzjoni 2 tal-gwida ta' Mejju 2009 (Ref : CESR/09-219)).

2. It-tipi ta' manipulazzjoni tas-suq li jistgħu jkunu ta' tħassib partikolari f'ambjent ta' negozjar ferm awtomatizzat ġew spjegati fil-linja gwida 5 (paragrafu 2 taħt il-Linja gwida ġenerali).

#### *Linji gwida dettaljati*

3. Filwaqt li jsegwu linja gwida ġenerali, il-politiki u l-proċeduri tad-ditti tal-investment li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' negozjar awtomatizzat għandhom tal-inqas jinkludu:

#### **a) Fehim, ħila u awtorità tal-persunal ta' konformità**

- Id-ditti tal-investment għandu jkollhom proċeduri sabiex ifittxu jiżguraw li l-persunal li jwettaq il-funzjoni ta' verifika tal-konformità jkollhom fehim biżżejjed (kemm tar-regolament kif ukoll tal-attività ta' negozjar), ħila u awtorità sabiex iwissi lill-persunal responsabbli min-negozjar meta l-attività ta' negozjar tqajjem suspetti ta' abbuż tas-suq (b'mod partikolari manipulazzjoni tas-suq).

#### **b) Taħriġ dwar l-abbuż tas-suq**

- Id-ditti tal-investment għandhom jipprovdu taħriġ ta' tiġdid inizjali u regolari dwar x'jikkostitwixxi abbuż tas-suq (b'mod partikolari manipulazzjoni tas-suq) għall-individwi kollha involuti fit-tweġiq ta' ordnijiet f'isem il-klijenti u dawk li jinnegozjaw f'isimhom.

#### **c) Attività ta' monitoraġġ**

- Id-ditti tal-investment għandhom jissorveljaw l-attivitajiet ta' individwi/algoritmi li jinnegozjaw f'isem id-ditta u l-attivitajiet ta' negozjar tal-klijenti, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ordnijiet sottomessi, modifikati u kkanċellati kif ukoll it-tranżazzjonijiet imwettqa. Dan għandu jinvolvi l-implimentazzjoni ta' sistemi adegwati (inklużi sistemi ta' twissija awtomatizzati), l-użu ta' livell suffiċjenti ta' granularità ta' ħin, sabiex tiġi rrapportata kwalunkwe imġiba li aktarx li se tqajjem suspetti ta' abbuż tas-suq (b'mod partikolari, manipulazzjoni tas-suq), inkluża (fejn id-ditta tkun taf biha) l-imġiba bejn suq u ieħor.

#### **d) Arranġamenti għall-identifikazzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet u ordnijiet suspettużi**

- Id-ditti tal-investment għandu jkollhom arranġamenti sabiex jidentifikaw tranżazzjonijiet, u huwa rakkomandat li dawn l-arranġamenti jkopru wkoll ordnijiet, li jeħtieġu STR lil awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-abbuż tas-suq (b'mod partikolari manipulazzjoni tas-suq) u sabiex ifasslu dawn ir-rapporti mingħajr dewmien (jekk jitwettqu inkjesti inizjali, għandu jsir rapport malajr kemm jista' jkun jekk dawn l-inkjesti jonqsu milli jsibu spjegazzjoni sodisfaċenti għall-imġiba osservata).

#### **e) Reviżjonijiet perjodiċi u awditjar intern ta' arranġamenti u proċeduri ta' konformità**

- Id-ditti tal-investment għandhom iwettqu reviżjonijiet perjodiċi u awditjar intern ta' proċeduri u arranġamenti sabiex jipprevjenu u jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' kondotta li jistgħu jinvolvu abbuż tas-suq.

#### **f) Arranġamenti rreveduti spiss li jirregolaw l-aċċess tal-persunal għal sistemi ta' negozjar.**

- Għal minimu ta' 5 snin, id-ditti tal-investment għandhom iżommu rekords tal-arranġamenti u l-proċeduri sabiex jidentifikaw kondotta li tista' tinvolvi abbuż tas-suq li jkopru l-kwistjonijiet stipulati fil-punti a) sa e) aktar 'il fuq, inkluż awditjar effettiv rigward kif kull twissija ta' imġiba suspettuża possibbli kemm jekk isir rapport lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif ukoll jekk dan ma jsirx. Dawn ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissorveljaw il-konformità tad-ditti mal-obbligi rilevanti tagħhom.

**Linja gwida 7. Rekwiżiti organizzazzjonali għal swieq regolati u faċilitajiet tan-negozjar multilaterali li l-membri/il-parteċipanti u l-utenti tagħhom jipprovdu aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat**

**Leġiżlazzjoni rilevanti.**

*L-Artikolu 39, paragrafu (b)), u 43(1) tal-MiFID għas-swieq regolati.*

*L-Artikoli 14, paragrafu (1), l-Artikolu 13, paragrafi (2), (5) u (6), u l-Artikolu 26(1) tal-MiFID u l-Artikoli 5 sa 9 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID għal faċilitajiet tan-negozjar multilaterali.*

*Linja gwida ġenerali*

1. Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom regoli u proċeduri li għandhom il-ħsieb li jiżguraw li, fejn jippermettu lil membri/parteċipanti jew utenti sabiex jipprovdu aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat (DMA/SA), il-forniment ta' DMA/SA ikun kompatibbli man-negozjar ġust u ordnat. Huwa importanti li l-pjattaformi ta' negozjar u l-membri/parteċipanti tagħhom iżommu l-kontroll tas-sistemi tagħhom u jissorveljawhom mill-qrib sabiex jimminimizzaw kull tfixkil potenzjali kkaġunat minn dawn il-partijiet terzi sabiex jiġi evitat li l-pjattaformi ta' negozjar ikunu vulnerabbli għall-kondotta ħażina jew abbuż tas-suq potenzjali tal-klijenti ta' DMA/SA jew għas-sistemi inadegwati/żbaljati tagħhom.

*Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jsegwu linja gwida ġenerali, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jistabbilixxu jekk huwixx permissibbli għall-membri/parteċipanti jew utenti tagħhom sabiex joffru DMA u/jew SA. Fejn jippermettu lil membri jew parteċipanti sabiex joffru DMA u/jew SA, ir-regoli u l-proċeduri tagħhom għandhom tal-inqas jieħdu f'kunsiderazzjoni dan li ġej:

**a) Responsabbiltà finali għal messaġġi, inklużi ordnijiet, u interventi u sanzjonijiet eventwali**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jagħmluha ċara li l-membri/parteċipant jew utent huwa unikament responsabbli mill-messaġġi kollha, inklużi ordnijiet imdaħħla bil-kodiċi ta' negozjar tagħhom u għaldaqstant, jista' jkun soġġett għal interventi (inkluż it-twaqqif tal-aċċess tal-membri/parteċipant jew utent għall-pjattaforma ta' negozjar) u sanzjonijiet għal kull ksur tar-regoli jew proċeduri fir-rigward ta' dawn l-ordnijiet.

**b) Responsabilità sussidjarja meta jiġu pprovduti DMA/SA**

- L-arranġamenti ta' DMA/SA bejn pjattaformi ta' negozjar u ditta li tforni DMA/SA għandhom jenfasizzaw li d-ditta li tforni aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat tibqa' responsabbli għall-pjattaforma ta' negozjar għan-negozjar kollu li jsir bil-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' parteċipant tas-suq tagħha jew kull identifikazzjoni oħra.

**c) Rekwiżiti għal membri/parteċipant sabiex jipprovdu DMA/SA**

- Rigward il-linja gwida 3, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jeħtieġu li l-membri/parteċipanti jew utenti li għandhom sistemi adegwati u kontrolli effettivi, inklużi kontrolli qabel u wara n-negozjar, sabiex jiżguraw li l-forniment ta' DMA/SA ma jaffettwax b'mod avvers il-konformità mar-regoli tas-suq regolat jew faċilità tan-negozjar multilaterali, iwassal għal negozjar mhux ordnat jew jiffaċilita kondotta li tista' tinvolvi abbuż tas-suq. Dan japplika bl-istess mod fejn membru/parteċipant jew utent jipprovdi DMA/SA.

**d) Diliġenza dovuta qabel il-forniment ta' DMA/SA**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jeħtieġu lil membri/parteċipanti jew utenti sabiex ikunu diliġenti kif inhu dovut ma' klijenti li huma jipprovduhom DMA/SA.

**e) Drittijiet ta' aċċess**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom ikunu jistgħu jiċċedu talba minn membru/parteċipant jew utent sabiex ikun jista' jiġi pprovdut SA lil klijent fejn is-suq regolat jew il-faċilità tan-negozjar multilaterali ma tkunx sodisfatta li dan ikun konsistenti mar-regoli u l-proċeduri tagħha għan-negozjar ġust u ordnat. Fir-rigward ta' SA skopert ("naked"), jekk jogħġbok irreferi għal-linja gwida 8.

**f) Monitoraġġ ta' ordnijiet**

- Bħala parti mill-obbligi tagħhom sabiex jissorveljaw is-swieq tagħhom skont il-linja gwida 3, il-pjattaformi ta' negozjar għandhom jissorveljaw ordnijiet mibgħuta fis-sistemi tagħhom minn klijenti ta' SA ta' membru/parteċipant.

**g) Interventi potenzjali fuq SA**

- i) Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom ikunu jistgħu jisspendu jew jiċċedu l-SA wara li dan ikun ingħata fejn is-suq regolat jew il-faċilità tan-negozjar multilaterali ma jkunx sodisfatti li aċċess kontinwat ikun konsistenti mar-regoli u l-proċeduri tagħhom għan-negozjar ġust u ordnat.
- ii) Il-pjattaformi ta' negozjar għandu jkollhom l-abilità li jwaqqfu ordnijiet minn persuna li tinnegozja permezz ta' SA b'mod separat mill-ordnijiet tal-membru jew parteċipant li jisponsorja l-aċċess ta' dik il-persuna billi jiġu assenjati IDs uniċi ta' klijenti lil klijenti li qed ikollhom aċċess għas-suq permezz ta' SA.
- iii) Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom ikunu jistgħu jwettqu, fejn din tkun meħtieġa analiżi ta' sistemi interni ta' kontroll tar-riskji ta' membru/parteċipant jew utent fir-rigward tal-klijenti tagħhom b'aċċess sponsorjat jew aċċess dirett għas-suq.

## **i) Żamma tar-rekords**

- Il-pjattaformi ta' negozjar għandhom iżommu rekords tal-politiki u l-proċeduri tagħhom relatati mad-DMA/SA u kwalunkwe inċidenti importanti relatati man-negozjar permezz ta' SA. Ir-rekords għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi rilevanti ta' pjattaformi ta' negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li jħaddmu faċilitajiet tan-negozjar multilaterali għandhom iżommu r-rekords għal tal-inqas 5 snin. L-operaturi tas-suq li jħaddmu swieq regolati għandhom iżommuhom għal tal-inqas kemm huwa meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju tagħhom.

### **Linja gwida 8. Rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment li jipprovdu aċċess dirett għas-suq u/jew aċċess sponsorjat**

**Leġislazzjoni rilevanti.** L-Artikoli 13(2), (5) u (6) tal-MiFID u l-Artikoli 5, sa 9, l-Artikoli 13 u 14 u l-Artikolu 51 tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-MiFID

#### *Linja gwida ġenerali*

1. Id-ditti tal-investment li joffru DMA/SA lil klijenti ('klijenti b'DMA/SA') huma responsabbli min-negozjar ta' dawk il-klijenti. Iridu jistabbilixxu politiki u proċeduri sabiex jiżguraw li n-negozjar ta' dawn il-klijenti jikkonforma mar-regoli u l-proċeduri tal-pjattaformi ta' negozjar rilevanti li l-ordnijiet ta' dawn il-klijenti huma sottomessi lilhom u li jippermetti lid-ditta tal-investment sabiex tilħaq l-obbligi tagħha skont il-MiFID u liġijiet rilevanti oħrajn tal-Unjoni u nazzjonali.

#### *Linji gwida dettaljati*

2. Filwaqt li jsegwu linja gwida ġenerali, id-ditti tal-investment għandhom tal-inqas jikkunsidraw dan li ġej:

#### **a) Diliġenza dovuta fuq il-klijenti b'aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat**

- Id-ditti tal-investment irid ikollhom diliġenza dovuta fuq klijenti prospettivi b'DMA/SA, kif inhu xieraq għar-riskji miġjuba mit-tip ta' klijenti, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' negozjar prospettivi tagħhom u s-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Diliġenza dovuta tista', skont kif ikun xieraq, tkopri kwistjonijiet bħat-taħriġ u l-kompetenza tal-individwi li jdaħħlu l-ordnijiet, il-kontrolli ta' aċċess fuq l-entrata tal-ordnijiet, l-allokazzjoni tar-responsabbiltà għall-indirizzar ta' azzjonijiet u żbalji, it-tendenza/imġiba storika ta' negozjar tal-klijent (meta din tkun disponibbli), u l-abilità tal-klijenti li jilħqu l-obbligi finanzjarji tagħhom dovuti lid-ditta. Fil-proċess ta' diliġenza dovuta, id-ditti tal-investment jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni jekk il-klijent prospettiv huwiex regolat b'Direttiva, il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru jew bil-liġi ta' pajjiż terz u l-istorja dixxiplinarja tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti u l-pjattaformi ta' negozjar. Il-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta għandha tiġi reveduta b'mod perjodiku.

#### **b) Kontrolli ta' qabel in-negozjar**

- i. Il-kontrolli ta' qabel in-negozjar fuq ordnijiet ta' klijenti b'DMA/SA tat-tipi koperti fil-paragrafu 2 tal-Linja gwida 4 dwar ir-rekwiżiti organizzazzjonali għal ditti tal-investment għall-promozzjoni ta' negozjar ġust u ordnat f'ambjent ta' negozjar awtomatizzat, inkluża ċaħda inkorporata u awtomatizzata ta' ordnijiet li jaqgħu barra ċerti parametri.

- ii. Għandu jkun hemm ċarezza assoluta li d-ditta tal-investment għandha tkun intitolata biss li timmodifika l-parametri tal-kontrolli ta' qabel in-negozjar (jiġifieri, il-klijent b'DMA/SA ma għandux ikun jista' jagħmel dan).
- iii. Id-ditti tal-investment li joffru DMA/SA jistgħu jużaw kontrolli ta' qabel u wara n-negozjar li huma kontrolli proprjetarji tad-ditta tal-investment, kontrolli miġjuba minn bejjiegħ, kontrolli pprovduti minn esternalizzatur jew kontrolli offruti mill-pjattaforma stess (jiġifieri ma għandhomx ikunu kontrolli tal-klijent b'aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat). Madanakollu, f'kull waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi, id-ditta tal-investment tibqa' responsabbli mill-effettività tal-kontrolli u għandha tkun l-unika responsabbli mit-tfassil tal-parametri ewlenin.

#### **c) Aċċess għas-suq 'skopert' jew 'mhux iffiltrat'**

- Aċċess 'skopert' jew 'mhux iffiltrat' għal suq regolat jew MTF, fejn l-ordnijiet ta' klijent ma jgħaddux minn kontrolli ta' qabel in-negozjar qabel ma jintbagħtu lejn suq regolat jew MTF, huwa projbit skont il-MiFID. Għaldaqstant, klijent b'SA qatt ma għandu jkun jista' jibgħat ordni lil pjattaforma ta' negozjar mingħajr ma l-ordni tgħaddi mill-kontrolli ta' qabel in-negozjar tad-ditta tal-investment.

#### **d) Monitoraġġ**

- i) Il-monitoring ta' ordnijiet (inklużi fuq bażi ta' bejn is-swieq) li d-ditti tal-investment huma meħtieġa li jwettqu skont il-linja gwida 4 għandhom japplikaw għal kull fluss ta' ordnijiet inklużi dawk minn klijenti b'DMA/SA, u bl-istess mod is-sistemi li d-ditti tal-investment huma meħtieġa jkollhom skont il-linja gwida 6 sabiex jidentifikaw sitwazzjonijiet possibbli ta' abbuż tas-suq (b'mod partikolari, manipolazzjoni tas-suq) għandhom japplikaw għal ordnijiet u tranżazzjonijiet minn klijenti b'DMA/SA.
- ii) Sabiex jikkonformaw ma' dawn l-obbligi, se jkun hemm bżonn li d-ditti tal-investment jidentifikaw b'mod separat l-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet tal-klijenti b'DMA/SA minn ordnijiet u tranżazzjonijiet oħrajn tad-ditta.
- iii) Id-ditti tal-investment għandu jkollhom ukoll l-abilità li jwaqqfu n-negozjar b'mod immedjat minn klijenti individwali b'aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat.

#### **e) Drittijiet u obbligi tal-partijiet**

- Id-ditti tal-investment għandhom jistabbilixxu ċarezza dwar ir-regoli u l-obbligi taż-żewġ partijiet fir-rigward tas-servizz ta' DMA/SA.

#### **f) Żamma tar-rekords**

- Għal tal-inqas ħames snin, id-ditti tal-investment għandhom iżommu rekords tal-kwistjonijiet koperti fil-punti a) sa e) aktar 'il fuq li jkunu dettaljati biżżejjed għall-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn jissorveljaw il-konformità tad-ditti mal-obbligi rilevanti tagħhom. Bħala minimu, dan għandu jinkludi r-riżultati tad-diliġenza dovuta mwettqa fuq klijenti potenzjali b'aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat u reviżjonijiet sussegwenti, u d-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet fir-rigward tas-servizz ta' aċċess dirett għas-suq/aċċess sponsorjat.